DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1178

tas-7 ta' Lulju 2022

biex ma jiġux estiżi d-dazji anti-dumping definittivi imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1784 fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju llaminati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fl-14 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping ("l-investigazzjoni") fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju llaminati ċatti ("AFRPs" jew "il-prodott ikkonċernat") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ", "iċ-Ċina" jew il-"pajjiż ikkonċernat") ([2]) fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

(2) Fit-12 ta' April 2021, il-Kummissjoni imponiet dazju anti-dumping provviżorju permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/582 ([3]) ("ir-Regolament provviżorju").

(3) Fil-11 ta' Ottubru 2021, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1784 ([4]) ("ir-Regolament definittiv"), il-Kummissjoni imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq il-prodott ikkonċernat. Ir-rati tad-dazju anti-dumping ivarjaw minn 14,3 % sa 24,6 %.

(4) Fl-istess data, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1788 ([5]) ("id-Deċiżjoni ta' sospensjoni"), il-Kummissjoni ssospendiet id-dazju anti-dumping definittiv fuq il-prodott ikkonċernat għal perjodu ta' disa' xhur, jiġifieri sal-11 ta' Lulju 2022.

(5) Fid-9 ta' Marzu 2022, fuq inizjattiva proprja, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Aluminju ("EA"), lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u lill-partijiet interessati l-oħra kollha. L-iskop tal-kwestjonarju kien li jipprovdi informazzjoni li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta jekk testendix is-sospensjoni jew le. Waslu kummenti mit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u mill-assoċjazzjoni tagħhom (EA), minn 14-il utent, inkluża l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Forniturі ta' Komponenti tal-Karozzi (CLEPA, European Association of Automotive Suppliers) u minn 6 importaturi u l-assoċjazzjoni tagħhom (EURANIMI). Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u l-EA ntalbu wkoll jipprovdu informazzjoni fir-rigward ta' ċerti indikaturi tad-dannu għall-perjodu l-aktar riċenti wara l-perjodu analizzat fid-Deċiżjoni ta' sospensjoni (l-hekk imsejjaħ "perjodu ta' analiżi" (minn hawn 'il quddiem "PtA") ta' tmien xhur, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2021 sat-28 ta' Frar 2022). Huma pprovdew l-informazzjoni mitluba relatata ma' ċerti indikaturi. It-tweġibiet ġew ippreżentati fl-aħħar ta' Marzu 2022.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C 268, 14.8.2020, p. 5.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/582 tad-9 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 124, 12.4.2021, p. 40).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1784 tat-8 ta' Ottubru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju llaminati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 359, 11.10.2021, p. 6).
([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1788 tat-8 ta' Ottubru 2021 li tissospendi d-dazji anti-dumping definittivi imposti bir-Regolament (UE) 2021/1784 dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 359, 11.10.2021, p. 105)

(6) Fit-tweġibiet tagħhom, diversi utenti talbu li s-sospensjoni tiġi estiża. Barra minn hekk, fil-25 ta' April 2022, l-EA ppreżentat talba formali għal tmiem immedjat tas-sospensjoni.

(7) Fl-24 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ddivulgat l-intenzjoni tagħha li ma testendix is-sospensjoni tal-miżuri u talbet lill-partijiet biex jipprovdu kummenti sat-2 ta' Ġunju 2022. Seba' partijiet interessati pprovdew sottomissjonijiet sal-iskadenza stabbilita: TDK Hungary Components Kft. ("TDK Hungary"), Euranimi, Valeo Group ("Valeo"), TitanX Holding ("TitanX"), Airoldi Metalli S.p.a. ("Airoldi"), SATMA u Lodec Metall-Handel ("Lodec"). TDK Foil Italy SpA ("TDK Italy") ipprovdiet kummenti wara l-iskadenza, li għalhekk ma ġewx ikkunsidrati.

(8) Wara d-divulgazzjoni, Airoldi sostniet li d-drittijiet tad-difiża tagħha nkisru minħabba li l-Kummissjoni użat id-*data* tal-EA, b'mod partikolari rigward l-iżviluppi u l-kapaċità tas-suq, li ma kinitx disponibbli għall-partijiet l-oħra. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li d-*data* tal-EA kienet ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-membri kollha tagħha u li l-EA pprovdiet verżjoni mhux kunfidenzjali ta' din id-*data*. Konsegwentement, il-partijiet kollha setgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom u setgħu jikkummentaw dwar id-*data* pprovduta. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(9) Xi partijiet interessati pproponew emendi tal-miżuri, bħall-esklużjoni ta' ċerti prodotti mill-ambitu tal-miżura jew l-introduzzjoni ta' kwota ta' importazzjonijiet mingħajr dazju. Il-Kummissjoni fakkret li, skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, tista' tiddeċiedi biss jew li testendi s-sospensjoni għal perjodu li ma jaqbiżx sena jew inkella li ma testendix is-sospensjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq rieżami tal-miżuri imposti mir-Regolament definittiv. Hemm proċedura speċifika prevista fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku għal rieżamijiet *interim*. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

2. EŻAMI TAL-KUNDIZZJONIJIET TAS-SUQ U TAL-OPERATURI FIS-SUQ TAL-UNJONI MATUL IL-PERJODU TA' ANALIŻI

(10) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, jipprevedi li, fl-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping jistgħu jiġu sospiżi meta l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu nbidlu temporanjament sal-punt li jkun improbabbli li d-dannu jerġa' jokkorri bħala riżultat tas-sospensjoni.

(11) Fit-12 ta' Ottubru 2021, il-miżuri ġew sospiżi minħabba li l-Kummissjoni stabbiliet li kien hemm żbilanċ temporanju bejn il-provvista u d-domanda fil-perjodu ta' rkupru ta' wara l-COVID-19 u s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet żviluppat b'mod favorevoli fl-ewwel semestru tal-2021, meta mqabbla mal-perjodu ta' investigazzjoni ("PI", l-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020) u mal-2017 (l-aħjar sena tal-perjodu kkunsidrat matul l-investigazzjoni oriġinali). L-aspettattiva kienet li x-xejriet pożittivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni jkomplu matul il-perjodu ta' sospensjoni ta' disa' xhur, u li għalhekk kien improbabbli li d-dannu jerġa' jokkorri bħala riżultat tas-sospensjoni. Madankollu, il-kundizzjonijiet tas-suq mibdula tqiesu bħala temporanji fin-natura tagħhom.

(12) L-Artikolu 14(4) jipprevedi li s-sospensjoni tista' tiġi estiża għal perjodu ulterjuri, li ma jkunx iżjed minn sena. Biex tiddeċiedi jekk testendix is-sospensjoni jew le, il-Kummissjoni analizzat il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq matul il-Perjodu ta' Analiżi (PtA) kif ukoll is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni u l-fehmiet tal-importaturi u l-utenti.

2.1. **Kundizzjonijiet tas-suq**

(13) Matul il-PtA, il-konsum tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti, jiġifieri bi 13,5 %, meta mqabbel mal-ewwel semestru tal-2021 ([6]). Il-qilla tad-domanda kienet fl-ewwel semestru tal-2021, meta żdiedet b'27 % meta mqabbla mal-PI u naqset b'mod sinifikanti matul il-PtA.

(14) Wara d-divulgazzjoni, Valeo sostniet li d-dokument ta' divulgazzjoni ma kienx jipprovdi s-sors għaċ-ċifri jew l-ispjegazzjonijiet tal-konsum u li dawn iċ-ċifri kienu jikkontradixxu d-*data* sottomessa mill-EA għall-PtA. Il-Kummissjoni nnutat li d-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali diġà kien jindika li d-*data* ġiet ipprovduta mill-EA. Il-Kummissjoni kkalkulat il-konsum għall-PtA billi żiedet l-importazzjonijiet totali mal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Għal paragun kif suppost mal-ewwel semestru tal-2021, iċ-ċifri tal-konsum ippreżentati fil-premessa 12 ġew ikkalkulati mill-ġdid skont id-*data* sottomessa mill-EA fuq bażi semestrali ([7]). Il-Kummissjoni għalhekk kienet ibbażat ruħha fuq id-*data* sottomessa mill-EA għall-PtA u, għalhekk, ċaħdet din l-affermazzjoni.

([6]) Minn 1 331 005 tunnellata fl-ewwel semestru tal-2021 għal 1 150 832 tunnellata fil-PtA.

([7]) Jiġifieri billi saret diviżjoni bi 8 (l-għadd ta' xhur koperti mill-PtA) u multiplikazzjoni b'6.

(15) Wara d-divulgazzjoni, Euranimi, Airoldi u Lodec argumentaw li s-sejba ta' tnaqqis fid-domanda kkontradixxiet il-projezzjoni li d-domanda globali għall-aluminju se tiżdied b'40 % sal-2030 skont rapport minn CRU International. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li l-istudju inkwistjoni ma kienx limitat għall-AFRPs biss, iżda kien jikkonċerna t-tipi kollha ta' prodotti tal-aluminju. Barra minn hekk, l-Ewropa (mhux biss l-UE iżda wkoll pajjiżi Ewropej oħra) tirrappreżenta biss frazzjoni żgħira tat-tkabbir kollu (14 %) li huwa previst. Fl-aħħar nett, din il-projezzjoni ma kkontradixxietx is-sejbiet tal-Kummissjoni, li kienu jikkonċernaw il-PtA u l-perspettivi ta' tkabbir fuq perjodu qasir, filwaqt li l-istudju kien jikkonċerna prospetti ta' tkabbir fit-tmien snin li ġejjin. B'hekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(16) Fl-ewwel xhur tal-2022 setgħu jiġu osservati x-xejriet li ġejjin: skont Rapport tas-CRU ([8]), id-domanda għal prodotti tal-aluminju llaminati fl-Ewropa baqgħet sodisfaċenti, xprunata mill-kumulazzjoni tar-riżervi wara l-gwerra fl-Ukrajna u mis-settur tal-kostruzzjoni, li ssokta bl-attività tiegħu. Id-domanda mis-settur awtomobilistiku, għall-kuntrarju, kienet batuta, minħabba skarsezza kontinwa ta' semikondutturi u skarsezza ta' faxex ta' wajers li joriġinaw mill-Ukrajna. Din is-sitwazzjoni hija mistennija tibqa' hekk għal xi xhur oħra. Fir-rigward tal-industrija tal-kostruzzjoni, l-istess rapport isemmi wkoll ir-riskju ta' inqas proġetti minħabba inflazzjoni għolja.

(17) Min-naħa tal-provvista, l-industrija tal-Unjoni żiedet il-kapaċità tagħha wara l-PI (+ 20 %), iżda l-użu tal-kapaċità ma żdiedx u baqa' madwar 80 %. Għalhekk hemm lok għall-industrija tal-Unjoni biex iżżid il-produzzjoni.

(18) Il-prezzijiet għall-materja prima prinċipali (l-aluminju, il-manjeżju) u għall-enerġija żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kollu mill-PI, l-aktar minħabba l-irkupru ta' wara l-COVID. Dawn iż-żidiet ġew aggravati mill-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja fil-konfront tal-Ukrajna. Din ix-xejra hija mistennija titkompla fix-xhur li ġejjin. Dan se jkollu impatt fuq il-prezz tal-AFRPs u konsegwentement se jrażżan id-domanda ġenerali għal dawn il-prodotti.

(19) Fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-metall mir-Russja, inkluż l-aluminju primarju, l-industrija tal-Unjoni naqqset l-importazzjonijiet tagħha minn 22 % fl-2015 għal madwar 11 % fl-2021. Barra minn hekk, it-taxxa fuq l-esportazzjoni ta' 15 % imposta mir-Russja fuq l-aluminju primarju skadiet fil-31 ta' Diċembru 2021 ([9]) kif kien ippjanat inizjalment. Skont l-industrija tal-Unjoni, ma hemm l-ebda skarsezza ta' aluminju primarju jew nofsu lest, minkejja s-sanzjonijiet kontra r-Russja, li, għalkemm ma jikkonċernawx direttament il-prodotti tal-aluminju, għandhom impatt negattiv qawwi fuq il-kummerċ mar-Russja b'mod ġenerali.

(20) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, jidher li d-domanda laħqet l-akbar intensità tagħha fl-ewwel semestru tal-2021. Dan jidher mill-ordnijiet li daħlu li, kif spjegat fil-premessa 33 hawn taħt, naqsu bi 12 % matul il-PtA meta mqabbla mal-ewwel semestru tal-2021. Barra minn hekk, iż-żmien meħtieġ reġa' lura għan-normal fil-PtA: 5-7 ġimgħat skont ir-Rapport tas-CRU ta' April 2022, u 6-8 ġimgħat skont l-EA ([10]). Dan huwa ferm iqsar meta mqabbel mal-ewwel semestru tal-2021, fejn iż-żmien meħtieġ xi drabi kien twil anki 6 sa 10 xhur. It-tnaqqis fiż-żminijiet meħtieġa ġie kkonfermat ukoll minn ħafna utenti.

(21) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li matul il-PtA l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda, li kkaratterizza l-ewwel semestru tal-2021, tnaqqas b'mod sinifikanti. Filwaqt li l-futur għadu inċert, l-akbar intensità fid-domanda fil-perjodu ta' rkupru ta' wara l-COVID tidher li għaddiet, kif intwera mit-tnaqqis sinifikanti fid-dħul tal-ordnijiet u fiż-żminijiet meħtieġa. Madankollu, hemm xi inċertezza dwar id-domanda fil-futur miż-żewġ setturi downstream ewlenin, jiġifieri s-setturi tal-karozzi u tal-kostruzzjoni.

2.2. **Is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(22) Il-volumi tal-bejgħ fl-UE naqsu bi 12,8 % fil-PtA meta mqabbla mal-ewwel semestru tal-2021, minn 1 056 668 tunnellata għal 921 701 tunnellata. Meta mqabbla mal-PI, il-volumi tal-bejgħ żdiedu b'36 % u bi 17 % meta mqabbla mal-2017.

([8]) CRU Aluminium products Monitor, ir-rapport ta' April 2022.
([9]) https://steelnews.biz/russia-lifts-aluminium-alloys-export-tax/.
([10]) Fid-deċiżjoni ta' sospensjoni (il-premessa 30) iż-żmien normali meħtieġ ġie definit bħala 4-12-il ġimgħa.

(23) Wara d-divulgazzjoni, Valeo sostniet li d-*data* sottomessa mill-EA fil-PtA kienet tikkontradixxi x-xejriet tal-bejgħ u tal-produzzjoni stabbiliti fid-dokument ta' divulgazzjoni. Kif spjegat fil-premessa 14 hawn fuq, biex ikun jista' jsir paragun xieraq mal-ewwel semestru tal-2021, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid id-*data* sottomessa mill-EA fuq bażi semestrali u applikat metodoloġija simili għall-perjodi l-oħra ta' paragun (2017 u PI). Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(24) Il-prezzijiet tal-AFRPs fl-Unjoni żdiedu b'mod stabbli minn medja ta' 2 703 EUR/tunnellata matul il-PI, għal 2 879 EUR/tunnellata fl-ewwel semestru tal-2021, u mbagħad b'pass aktar mgħaġġel għal 3 555 EUR/tunnellata fil-PtA. Din tirrappreżenta żieda bi 23 % bejn l-ewwel semestru tal-2021 u l-PtA. Dan kien ir-riżultat taż-żieda fid-domanda f'kuntest ta' wara l-COVID u ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima (aluminju primarju, manjeżju) u tal-enerġija.

(25) L-utenti, inklużi Euranimi, Lodec u Airoldi Metalli, indikaw fis-sottomissjonijiet inizjali tagħhom, kif ukoll wara d-divulgazzjoni, iż-żieda qawwija tal-prezz tal-konverżjoni (+ 100 % u sa + 160 %, skont dawn l-utenti). L-istimi tal-Kummissjoni indikaw li l-prezz tal-konverżjoni ([11]) żdiedu bi 8 % bejn il-perjodu ta' wara l-PI (it-tieni semestru tal-2020 u l-ewwel semestru tal-2021) u l-PtA. Il-prezz tal-konverżjoni jista' jvarja ħafna, skont il-bejgħ speċifiku (liema kumpanija jew grupp ta' kumpaniji, jekk dan il-bejgħ ikunx parti minn kuntratt fit-tul jew le, liema tip ta' prodott, eċċ.) u l-perjodi ta' żmien ikkunsidrati, iżda kumplessivament deher li kien hemm fehim ġenerali fost il-partijiet interessati kollha li dan il-prezz tal-konverżjoni fil-fatt żdied. Din iż-żieda tista' tiġi spjegata min-naħa biż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni għajr il-kost tal-aluminju primarju (il-prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima bħall-elementi tal-ligar żdiedu), u min-naħa l-oħra biż-żieda fil-profitt tal-produtturi tal-Unjoni.

(26) Fir-rigward tas-sehem mis-suq, fis-sena ta' wara l-PI, żieda fil-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni wasslet għal żieda fis-sehem mis-suq tal-Unjoni (minn 64,8 % fil-PI għal 79,4 % matul l-ewwel semestru tal-2021). Dan il-livell ta' sehem mis-suq inżamm matul il-PtA (80,1 %), peress li tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ kien akkumpanjat minn tnaqqis fil-konsum, kif stabbilit fil-premessa 13 hawn fuq.

(27) Matul il-PtA, il-konsum tal-Unjoni naqas ftit bi 2 %, meta mqabbel mal-ewwel semestru tal-2021. Meta mqabbla mal-PI, il-volumi tal-bejgħ żdiedu bi 22 % u b'9 % meta mqabbla mal-2017.

(28) Il-kapaċità naqset ftit b'1,3 % matul il-PtA meta mqabbla mal-ewwel semestru tal-2021. Meta mqabbla mal-PI, il-kapaċità żdiedet b'20,8 % u bi 23 % meta mqabbla mal-2017. Barra minn hekk, il-kapaċità disponibbli ma baqgħetx affettwata minn:

(i) l-effetti tat-tnaqqis preċedenti tal-kapaċità attiva indikati fil-premessi 29 u 36 tad-Deċiżjoni ta' sospensjoni matul il-pandemija tal-COVID-19, li ma baqgħux jiġu osservati aktar matul il-PtA; u

(ii) l-iskarsezza temporanja ta' aluminju nofsu lest u primarju esperjenzata matul il-perjodu ta' wara l-PI (ara l-premessi 29 u 31 tad-Deċiżjoni ta' sospensjoni). Kif indikat fil-premessa 18, minkejja li l-prezzijiet tal-aluminju primarju, tal-manjeżju u tal-enerġija żdiedu b'mod sinifikanti, dawn għadhom disponibbli u ma jkollhomx impatt fuq il-kapaċità reali.

(29) L-użu tal-kapaċità baqa' relattivament stabbli, bi 80,8 % fil-PtA, meta mqabbel ma' 81,5 % matul l-ewwel semestru tal-2021 u 91,3 % fl-2017. Id-dħul tal-ordnijiet għall-kumpaniji fil-kampjun għall-prodott ikkonċernat naqas bi 12 % matul il-PtA meta mqabbel mal-ewwel semestru tal-2021, u kien kemxejn aktar baxx (bi 2 %) milli matul il-PI. Il-livell tal-ordnijiet kien aktar baxx milli matul il-PI u saħansitra aktar baxx milli fl-2017 ([12]) Dan juri li l-industrija tal-Unjoni mhijiex se tkun mimlija għalkollox fix-xhur li ġejjin.

([11]) Il-prezz tal-konverżjoni huwa — bejn wieħed u ieħor — id-differenza bejn il-prezzijiet tal-bejgħ u l-prezzijiet LME (3 xhur) tal-aluminju primarju. Biex tistabbilixxi l-prezzijiet tal-bejgħ, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Ara t-Tabella 2 hawn taħt. Biex tistabbilixxi l-prezzijiet LME (3 xhur), il-Kummissjoni użat Fastmarket bħala sors. Id-*data* ġiet estratta fuq bażi ta' kuljum u ntużat biex jiġu kkalkulati l-medji għaż-żewġ perjodi: Lulju 2020 sa Ġunju 2021 u Lulju 2021 sa Frar 2022 (PtA). Dawn il-medji ġew ikkonvertiti minn USD għal EUR bl-użu tar-rati tal-kambju uffiċjali (medji għall-perjodi korrispondenti). Il-prezzijiet medji LME kienu EUR 1 710 u EUR 2 431 rispettivament għaż-żewġ perjodi.

([12]) Madankollu, id-*data* tal-2017 ipprovduta mill-EA kienet tinkludi xi prodotti li mhumiex parti mid-definizzjoni tal-prodott.

(30) Wara d-divulgazzjoni, Valeo argumentat li t-tnaqqis fil-kapaċità huwa konsistenti man-nuqqas ta' provvista u li l-industrija tal-Unjoni qatt ma laħqet 100 % tal-użu tal-kapaċità. Għalhekk ma għandha l-ebda kapaċità ta' riżerva b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 80,8 % fil-PtA. Fl-aħħar nett, Valeo argumentat li s-sejbiet tal-Kummissjoni kkontradixxew l-affermazzjonijiet tal-utent li l-industrija tal-Unjoni hija nieqsa mill-kapaċità. L-ewwel nett, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni Valeo, il-Kummissjoni stabbiliet li l-kapaċità żdiedet b'20,8 % fil-PtA meta mqabbla mal-PI u bi 23 % meta mqabbla mal-2017. It-tieni, l-argument li r-rata ta' użu tal-kapaċità ta' 80,8 % ma tħallix lok għal kapaċità ta' riżerva kkontradixxa s-sejbiet tal-Kummissjoni fir-Regolament definittiv ([13]) li l-industrija tal-Unjoni operat b'użu tal-kapaċità ta' 91,3 % fl-2017. Barra minn hekk, Valeo ma kkontestatx is-sejbiet tal-Kummissjoni li l-kapaċità reali/attiva ma baqgħetx aktar differenti mill-kapaċità ddikjarata. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(31) Wara d-divulgazzjoni, Euranimi, Airoldi u Lodec sostnew li l-industrija tal-Unjoni ma investitx biżżejjed f'kapaċità ġdida f'dawn l-aħħar deċennji. Madankollu, l-ebda waħda mill-partijiet ma pprovdiet xi evidenza li tappoġġa din l-affermazzjoni u li kienet tikkonċerna speċifikament l-AFRPs. Kuntrarjament, fir-Regolament definittiv ([14]), il-Kummissjoni stabbiliet li l-kapaċità żdiedet bi 2 % matul il-perjodu kkunsidrat u b'20 % fil-PtA. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(32) Euranimi u Airoldi argumentaw ukoll li ħafna produtturi tal-Unjoni kienu mġiegħla ma jużawx il-kapaċitajiet ta' llaminar minħabba n-nuqqas ta' aluminju primarju. Din l-iskarsezza hija allegatament dovuta parzjalment għat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-aluminju primarju fl-UE b'aktar minn 30 % mill-2000 'il hawn. Din l-iskarsezza tkun qiegħda tillimita ulterjorment il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tissupplixxi lill-AFRPs. Madankollu, l-EA spjegat li ma hemm l-ebda skarsezza ta' aluminju primarju u li l-industrija tal-Unjoni hija kapaċi tissupplixxi lilha nnifisha minn pajjiżi terzi. Dan ġie kkonfermat mill-fatt li l-importazzjonijiet tal-aluminju primarju fl-UE żdiedu f'Jannar-April 2022 meta mqabbla ma' Jannar-April 2021. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnutat li, fit-tieni trimestru tal-2022, l-istokks globali tal-aluminju primarju ammontaw għal livelli ta' [9,2–10,7] biljun tunnellata ([15]), li kienu aktar baxxi mil-livelli tal-2020–2021 (medja ta' [10,1–11,4 biljun tunnellata), iżda komparabbli mal-livelli tal-2019, ta' qabel il-COVID ta' medja ta' [9,1–10,5] biljun tunnellata). L-istokk tal-produtturi Ewropej ([310 000–330 000] tunnellata) fl-ewwel trimestru tal-2022 kien ukoll konformi mal-medja tal-aħħar 3 snin ([320 000–340 000] tunnellata għall-2019–2021). Il-Kummissjoni kkonkludiet li, filwaqt li għad hemm tensjonijiet f'diversi swieq tal-materja prima, inkluż għall-aluminju primarju, dan huwa fenomenu globali mhux speċifikament relatat mas-suq tal-Unjoni u li l-provvisti tal-aluminju primarju kienu disponibbli għall-industrija tal-Unjoni, għalkemm ġeneralment b'żieda fil-prezzijiet. L-affermazzjoni li din is-sitwazzjoni tas-suq tillimita l-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, speċjalment meta mqabbla mal-kompetituri Ċiniżi tagħha, ġiet għalhekk miċħuda.

(33) Il-profittabbiltà tjiebet u laħqet 2,8 % fil-PtA. Il-profittabbiltà kienet ta' - 1,8 % fil-PI u ta' 1,9 % fl-ewwel semestru tal-2021, iżda l-profittabbiltà fil-PtA baqgħet taħt il-profitt ta' 3,1 % miksub fis-sena ta' referenza 2017, u kienet ferm taħt il-marġni ta' profitt minimu ta' 6 % previst fl-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, użat għall-fini tal-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz fir-Regolament definittiv.

(34) Fil-qosor, xi indikaturi naqsu matul il-PtA meta mqabbla mal-ewwel semestru tal-2021 (il-volumi ta' bejgħ, il-produzzjoni), filwaqt li indikaturi oħra tjiebu (il-prezzijiet, il-profittabbiltà). Kumplessivament, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-PtA.

2.3. **Is-sitwazzjoni tal-utenti**

(35) L-utenti argumentaw favur l-estensjoni tas-sospensjoni, għar-raġuni li l-kundizzjonijiet tas-sospensjoni għadhom validi.

(36) Il-Kummissjoni nnutat, madankollu, li s-sitwazzjoni temporanja li kienet tipprevali fil-mument tas-sospensjoni evolviet kif indikat fil-premessi 13 sa 23 hawn fuq.

(37) Diversi utenti argumentaw ukoll li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni ġew issodisfati fir-rigward tal-prodotti tal-aluminju llaminati ċatti speċifiċi użati minnhom rispettivament peress li allegatament għad hemm nuqqas ta' provvista għal dawk il-prodotti. Huma tennew it-talba tagħhom wara d-divulgazzjoni u argumentaw li s-sospensjoni jenħtieġ li tiġi estiża għall-prodotti inkwistjoni. Madankollu, dawn il-prodotti kienu jikkonċernaw biss ammont żgħir tal-importazzjonijiet totali u l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku jipprevedi s-sospensjoni tal-miżuri imposti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kollu kemm hu, u mhux ta' parti minnu.

([13]) il-premessa 439 tiegħu.
([14]) il-premessa 438 tiegħu.
([15]) Is-sors tad-*data* għall-istokks tal-aluminju primarju huwa s-CRU Aluminium Monitor ta' Ġunju 2022 (Inventarji).

(38) L-utenti argumentaw ukoll li għad hemm nuqqas ta' provvista fl-UE b'mod ġenerali u b'mod partikolari għall-prodott tal-aluminju llaminat ċatt speċifiku li jużaw u li t-tmiem tas-sospensjoni se jkompli jaggrava dan in-nuqqas billi jnaqqas il-provvisti li joriġinaw miċ-Ċina.

(39) Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li l-industrija tal-Unjoni għad għandha kapaċità ta' riżerva sostanzjali, li kif spjegat fil-premessa 28, diġà tikkorrispondi għall-kapaċità reali/attiva. Kien hemm estensjoni sinifikanti tal-kapaċità mill-industrija tal-Unjoni mill-PI oriġinali. L-industrija tal-Unjoni hija bil-bosta l-fornitur prinċipali tal-prodott ikkonċernat lill-utenti. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li jeżistu sorsi alternattivi ta' provvisti, bħat-Turkija u pajjiżi terzi oħra. Barra minn hekk, diversi utenti kkonfermaw li ż-żminijiet meħtieġa huma ħafna anqas meta mqabbla mal-ewwel semestru tal-2021, kif spjegat fil-premessa 20. Fl-aħħar nett, kif indikat fil-premessa 37, l-Artikolu 14(4) ma jippermettix li ssir sospensjoni parzjali waħedha. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li t-talbiet għall-esklużjoni kienu diġà indirizzati fir-Regolament definittiv ([16]).

(40) Wara d-divulgazzjoni, Valeo sostniet li d-dħul tal-ordnijiet ma ntweriex fil-verżjoni miftuħa tas-sottomissjonijiet tal-industrija tal-Unjoni u jenħtieġ li jiġi vverifikat mill-Kummissjoni. Apparti minn hekk, it-tnaqqis fid-dħul tal-ordnijiet ikkontradixxa l-fatt li d-domanda matul il-PtA kienet ogħla mill-ewwel semestru tal-2021 u mill-PI. Il-Kummissjoni osservat li d-dħul tal-ordnijiet kien jirrigwarda *data* kunfidenzjali, speċifika għall-kumpaniji u mhux soġġetta għal sommarju. Madankollu, il-Kummissjoni pprovdiet biżżejjed *data* fid-divulgazzjoni sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom u jikkummentaw dwar ix-xejra deskritta. Barra minn hekk, sa fejn kien possibbli, il-Kummissjoni wettqet kontroverifika tal-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta. Fl-aħħar nett, għall-kuntrarju ta' dak li sostniet Valeo, kif spjegat fil-premessa 13 hawn fuq, il-konsum naqas bi 13,5 % matul il-PtA meta mqabbel mal-ewwel semestru tal-2021. Konsegwentement, it-tnaqqis fid-dħul tal-ordnijiet bi 12 % huwa konformi mat-tnaqqis fid-domanda. L-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

(41) Rigward it-tnaqqis fiż-żminijiet meħtieġa, Valeo argumentat wara d-divulgazzjoni li dan għandu jitqies fid-dawl tal-fatt li ħafna utenti ma jistgħux jixtru AFRPs u li l-industrija tal-Unjoni rrifjutat ħafna ordnijiet sabiex ikunu jistgħu jissupplixxu l-kwantitajiet limitati li għandhom kapaċità għalihom fiż-żmien meħtieġ preskritt. Il-Kummissjoni osservat, l-ewwel nett, li din l-affermazzjoni ma kienet sostnuta minn ebda evidenza. It-tieni, tikkontradixxi d-dikjarazzjonijiet li saru qabel minn prattikament l-utenti kollha, sostnuti minn sorsi indipendenti ([17]), li ż-żidiet fiż-żminijiet meħtieġa kienu indikazzjoni ta' żbilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-fatt li fil-PtA ż-żminijiet meħtieġa naqsu għal livelli normali kien element li jindika titjib fil-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(42) Wara d-divulgazzjoni, l-utenti ddubitaw is-sejbiet tal-Kummissjoni rigward id-disponibbiltà tal-provvista fis-suq tal-Unjoni ta' tipi speċifiċi ta' prodotti u l-possibbiltà li dawn it-tipi ta' prodotti jinġabu minn pajjiżi terzi oħra.

(43) Rigward il-kwistjoni tal-provvista tal-AFRPs għall-iskambjaturi tas-sħana tal-aluminju (AHEX, aluminium heat exchangers AFRPs), il-Kummissjoni osservat li ż-żewġ utenti li kkummentaw dwar id-divulgazzjoni, jiġifieri TitanX u Valeo, diġà ġabu kwantitajiet sinifikanti mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, parti mill-korrispondenza bejn Valeo u l-produtturi tal-Unjoni, kif ipprovduta minn Valeo, kienet tikkonċerna negozjati dwar provvisti għall-futur mill-produtturi tal-Unjoni, għall-perjodu ta' wara l-2023. Il-biċċa l-kbira ta' din il-korrispondenza dehret li tikkonċerna kwistjonijiet ta' negozjar ta' prezzijiet ġodda u mhux neċessarjament kwistjonijiet ta' kapaċità, jew in-nuqqas tagħhom.

(44) Valeo argumentat ukoll li wieħed mill-akbar fornituri tagħha rrifjuta li jissuppliha bil-kwantitajiet diġà miftiehma u dan l-aħħar ħakmuha nirien li qerdu l-mitħna l-ġdida tagħha. Madankollu, il-fornitur inkwistjoni pprovda evidenza li tgħid li kienet pjuttost Valeo li ma kkonformatx mal-obbligi kuntrattwali tagħha u kkanċellat il-volumi li diġà kien hemm ftehim dwarhom. Minħabba li dan jikkonċerna tilwima kuntrattwali speċifika bejn iż-żewġ kumpaniji, il-Kummissjoni ma setgħet tasal għall-ebda konklużjoni dwar il-kwistjoni ġenerali tal-provvista tal-AHEX fis-suq tal-Unjoni. Rigward in-nirien, l-artiklu tal-istampa kkwotat ma kienx jindika li l-mitħna nqerdet għalkollox. Minflok, kien jgħid li l-mitħna se tibda topera b'dewmien ta' ftit xhur (minflok it-tieni nofs tal-2022, se tibda fl-2023). Barra minn hekk, kif iddikjarat fl-istess artiklu, dan se jaffettwa biss volumi ġodda iżda mhux il-volumi eżistenti li għalihom diġà ttieħed impenn. B'hekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(45) TitanX argumentat li l-akbar fornitur tagħha żied il-prezzijiet tagħha u li ma setgħetx issib fornituri addizzjonali fl-Unjoni. Madankollu, hija ma sostnietx li kellha xi kwistjonijiet b'rabta mal-provvisti mill-akbar fornitur tagħha, u TitanX naqset milli tipprovdi evidenza dwar rifjuti li jissupplixxuha fornituri oħra fl-Unjoni. B'hekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

([16]) It-talbiet kollha għall-esklużjoni tal-prodotti ġew trattati fit-Taqsima 2.2 tar-Regolament definittiv. Għall-AFRPs kollha minbarra dawk użati għall-produzzjoni ta' kojls miksija u pannelli komposti tal-aluminju (it-Taqsima 2.2.2 tal-istess Regolament), il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed kapaċità ta' produzzjoni fis-suq tal-Unjoni u, konsegwentement, ċaħdet it-talbiet għall-esklużjoni tal-prodotti.

([17]) Ara l-premessa 36 u n-nota 6 f'qiegħ il-paġna tad-Deċiżjoni ta' sospensjoni.

(46) Fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-AHEX minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni osservat li l-importazzjonijiet tal-AHEX mit-Turkija kien ikollhom sehem kunsiderevoli mill-konsum totali ta' dak it-tip ta' prodott, filwaqt li l-importazzjonijiet tat-tipi kollha tal-AFRPs mit-Turkija rrappreżentaw biss 2,2 % tas-sehem mis-suq matul il-PtA, li naqsu minn [5,9-6,3] % matul il-PI. Fil-fajl ma hemm l-ebda evidenza li t-Turkija ma tistax iżżid l-esportazzjonijiet tagħha għal-livelli preċedenti. F'dan ir-rigward, il-korrispondenza bil-posta elettronika pprovduta minn Valeo u minn fornitur Tork ma indikat l-ebda kwistjoni b'rabta mal-provvista minn dan tal-aħħar.

(47) Fl-aħħar nett, l-AHEX jintużaw fis-settur tal-karozzi. Kif indikat fil-premessa 71 hawn taħt, dan is-settur esperjenza konġestjonijiet u tnaqqis temporanju fid-domanda, li bilfors irriżultaw fi tnaqqis fid-domanda għall-AHEX ukoll. Dan ġie kkonfermat mill-evidenza pprovduta mill-EA li matul il-PtA kien hemm tnaqqis fl-ordnijiet tal-AHEX, fi kwantitajiet anqas minn dawk li diġà kienu ġew kuntrattati, mill-utenti Valeo, Mahle u Marelli, minħabba dan it-tnaqqis fid-domanda ([18]).

(48) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet rigward in-nuqqas attwali ta' provvista tal-AHEX.

(49) Rigward l-AFRPs għall-użu fil-produzzjoni ta' kapaċitaturi elettrolitici tal-aluminju, wara d-divulgazzjoni SATMA u TDK Hungary argumentat li ma hemm l-ebda produttur fl-Unjoni ta' dan it-tip ta' prodott, it-Turkija ma tistax tkun sors ta' provvista peress li dan it-tip ta' prodott mhuwiex prodott hemmhekk, filwaqt li l-produtturi Ġappuniżi waqqfu l-produzzjoni fl-2021. Madankollu, SATMA ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' sostenn li l-Ġappun, li minn dejjem kien sors ewlieni ta' provvista ta' dan it-tip ta' prodott, waqqaf il-produzzjoni. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li kien hemm proġett li għadu għaddej biex il-produzzjoni fl-Unjoni terġa' tinbeda. Fl-aħħar nett, dan it-tip ta' prodott kien jirrappreżenta frazzjoni żgħira ħafna tal-konsum totali tal-Unjoni tal-AFRPs u, kif ġie spjegat fil-premessa 39 hawn fuq, skont l-Artikolu 14(4) mhuwiex possibbli li l-miżuri jiġu sospiżi għal tipi ta' prodotti speċifiċi biss. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(50) L-utenti rrappurtaw ukoll dwar id-diffikultajiet finanzjarji probabbli ta' għadd ta' kumpaniji downstream jew unitajiet ta' produzzjoni fl-eventwalità li d-dazji jerġgħu jiddaħħlu. Huma wissew dwar l-għeluq possibbli ta' siti ta' produzzjoni fl-UE.

(51) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet għas-sejbiet tagħha fil-premessi 532–548 tar-Regolament definittiv fejn ikkonkludiet li l-impożizzjoni tal-miżuri ma tmurx kontra l-interessi tal-utenti minħabba li l-impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-utenti jkun limitat. Barra minn hekk, matul il-perjodu ta' sospensjoni, l-utenti kellhom żmien biex jadattaw l-unitajiet ta' produzzjoni tagħhom għal sorsi oħra ta' provvista.

(52) Barra minn hekk, kif indikat fil-premessa 75 tad-Deċiżjoni ta' sospensjoni, il-Kummissjoni qieset li l-perjodu ta' sospensjoni ta' 9 xhur ta lill-utenti, speċjalment dawk li talbu l-esklużjoni ta' ċerti prodotti, perjodu addizzjonali biex il-produtturi tal-Unjoni (jerġgħu) jiġu vvalidati. Ir-ridirezzjonar tal-utenti lejn provvisti mill-industrija tal-Unjoni jidher li huwa kkonfermat mill-fatt li l-industrija tal-Unjoni gwadanjat sehem mis-suq matul il-perjodi tal-akbar intensità fid-domanda fl-ewwel semestru tal-2021 u żammet l-istess sehem mis-suq fil-PtA.

2.4. **Is-sitwazzjoni tal-importaturi u tal-operaturi tas-suq**

(53) EURANIMI, l-assoċjazzjoni Ewropea tal-importaturi u d-distributuri indipendenti tal-aluminju u/jew tal-azzar inossidabbli u 6 mill-membri tagħhom ipprovdew il-kummenti tagħhom dwar l-iżviluppi tas-suq u s-sospensjoni. Huma kienu favur il-kontinwazzjoni tas-sospensjoni.

(54) Huma indikaw prinċipalment is-sitwazzjoni attwali ta' nuqqas gravi ta' aluminju kif ukoll ir-riskju għall-manifatturi downstream, li jistgħu jkunu f'riskju li jitilfu l-kompetittività. Il-Kummissjoni diġà indirizzat din l-affermazzjoni fil-premessa 51.

3. **IL-PROBABBILTÀ LI D-DANNU JERĠA' JOKKORRI MINĦABBA ESTENSJONI TAS-SOSPENSJONI**

(55) Kif imsemmi fil-premessa 34, l-industrija tal-Unjoni tidher li tinsab f'sitwazzjoni fejn diversi xejriet pożittivi staġnaw jew ġew invertiti. Xi indikaturi naqsu matul il-PtA meta mqabbla mal-ewwel semestru tal-2021 (il-volumi ta' bejgħ, il-produzzjoni), filwaqt li indikaturi oħra tjiebu (il-prezzijiet, il-profittabbiltà). Kumplessivament, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-PtA. Il-Kummissjoni vvalutat jekk huwiex improbabbli li d-dannu jerġa' jokkorri bħala riżultat tal-estensjoni tas-sospensjoni. B'mod partikolari ġew analizzati żewġ fatturi: l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-aktar żviluppi riċenti tas-suq.

([18]) t21.006374.

3.1. **L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet miċ-Ċina**

(56) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina naqas minn 8 % fil-PI għal 2.2 % fl-ewwel semestru tal-2021, iżda sussegwentement żdied b'49 % biex laħaq 3,2 % fil-PtA. L-analiżi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fix-xhur ta' Frar u Marzu 2022 wriet, madankollu, żieda rapida, li rriżultat f'sehem mis-suq fix-xhur ta' Frar u Marzu ta' aktar minn 6,0 %, qrib is-sehem mis-suq fil-PI.

Tabella 1

Importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-PtA (f'tunnellati)

	Il-PTA								Wara l-PtA	
Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat	Lul 2021	Aww 2021	Set 2021	Ott 2021	Nov 2021	Diċ 2021	Jan 2022	Fra 2022	Mar 2022	Apr 2022
	2 905	3 224	4 852	5 639	6 134	4 292	9 300	12 818	13 832	14 027
Indiċi	*100*	*111*	*167*	*194*	*211*	*148*	*320*	*441*	*476*	*482*

Sors: l-Eurostat (il-PtA) u l-Bażi tad-data tas-Sorveljanza (Wara l-PtA)

(57) Il-volumi żviluppaw kif ġej: l-importazzjonijiet miċ-Ċina naqsu b'mod sinifikanti wara l-PI minn 171 240 tunnellata matul il-PI għal 56 470 tunnellata fis-sena ta' wara l-PI. Sussegwentement l-importazzjonijiet reġgħu żdiedu matul il-PtA għal 73 752 tunnellata (medja għat-8 xhur, fuq bażi annwali), iżda baqgħu taħt il-livelli tal-PI u l-livelli tal-2017 (madwar 100 000 tunnellata fl-2017). Fil-bidu tal-2022, l-importazzjonijiet komplew jiżdiedu (11 000 tunnellata fuq bażi ta' kull xahar għal Jannar u Frar 2022 — jiġifieri 132 000 tunnellata fuq bażi annwali — u 14 027 tunnellata għal April 2022 — aktar minn 168 000 tunnellata fuq bażi annwali).

(58) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu b'mod sinifikanti, f'kuntest ta' żieda fil-prezzijiet tal-inputs kif ukoll kostijiet ogħla tat-trasport. Kuntrarjament għal dak li ġie ddikjarat minn xi partijiet interessati wara d-divulgazzjoni, din iż-żieda fil-prezzijiet ma setgħetx titqies għal rasha u kellha titpoġġa f'perspettiva u mqabbla ma' prezzijiet u kostijiet oħra, bħall-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni.

(59) Il-livell ta' twaqqigħ tal-prezz osservat matul il-PI kien ta' 17,3 %. Id-diskrepanza fil-prezzijiet bejn il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedet gradwalment matul il-PtA kif muri fit-Tabella 2 hawn taħt. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet kienu għalhekk inferjuri għall-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (fil-livell ta' 4-5 %) f'Jannar-Frar 2022.

(60) Dan ta' hawn fuq wera li l-importazzjonijiet miċ-Ċina ma rrankawx immedjatament wara l-PI iżda żdiedu gradwalment matul il-PtA u saħansitra aktar fix-xhur wara l-PtA, u kważi laħqu l-volumi medji ta' kull xahar tal-PI fil-kuntest tat-tnaqqis fil-konsum meta mqabbla mal-ewwel semestru tal-2021. Il-Kummissjoni nnutat li s-sitwazzjoni ġenerali tas-settur tal-manifattura fiċ-Ċina kienet ikkaratterizzata minn inċertezzi marbuta mat-tifqigħat tal-COVID-19, il-politika ta' żero COVID u l-konsegwenzi tagħha fuq l-ekonomija Ċiniża. Għalhekk, Marzu u April 2022 kienu kkaratterizzati minn tnaqqis ġenerali fl-attività fil-fabbriki Ċiniżi. L-output industrijali, l-ordnijiet, l-impjiegi kienu qegħdin jonqsu, filwaqt li l-backlogs u l-ħinijiet tal-konsenji żdiedu ulterjorment. Madankollu, minkejja dawn il-kwistjonijiet, l-importazzjonijiet miċ-Ċina tal-prodott ikkonċernat żdiedu b'mod stabbli matul il-PtA, speċjalment f'Jannar-April 2022. Fl-istess ħin, il-prezzijiet naqsu u d-diskrepanza vis-à-vis il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tikber, kif muri fit-Tabella 2 hawn taħt. Konsegwentement, minkejja t-tnaqqis b'rabta mal-COVID-19 fil-manifattura Ċiniża, l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu qegħdin jirpiljaw matul il-PtA, u wara perjodu ta' aġġustament ulterjuri, l-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-UE żdiedu saħansitra aktar.

Tabella 2

Paragun tal-prezzijiet matul il-PtA (f'EUR/tunnellata)

	Il-PTA								Wara l-PtA	
	Lul 2021	Aww 2021	Set 2021	Ott 2021	Nov 2021	Diċ 2021	Jan 2022	Fra 2022	Mar 2022	Apr 2022
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat	3 051	3 135	3 334	3 453	3 398	3 592	3 753	3 871	3 799	3 967
Indiċi	*100*	*103*	*109*	*113*	*111*	*118*	*123*	*127*	*125*	*130*
Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni	3 065	3 137	3 335	3 507	3 686	3 705	3 915	4 077	-	-
Indiċi	*100*	*102*	*109*	*114*	*120*	*121*	*128*	*133*		

Sors: l-Eurostat (il-PtA), il-Bażi tad-data tas-Sorveljanza (Wara l-PtA), il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(61) Wara d-divulgazzjoni, Airoldi l-ewwel sostniet li l-analiżi tal-Kummissjoni tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kienet żbaljata peress li, skont id-*data* dwar l-importazzjonijiet ipprovduta fis-sottomissjoni tagħha, l-importazzjonijiet Ċiniżi ma żdidux, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu. It-tieni, Airoldi sostniet li x-xejra tal-importazzjonijiet jenħtieġ li tiġi analizzata b'mod proporzjonat għall-2021 u li ż-żidiet fl-importazzjonijiet fi Frar u Marzu 2022 jenħtieġ li ma jitqisux, peress li dawn kienu affettwati mill-avvenimenti straordinarji tal-kriżi tal-Ukrajna. It-tielet, fir-rigward tal-prezzijiet, Airoldi sostniet li l-prezzijiet Ċiniżi huma konformi mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-UE u li l-analiżi tal-Kummissjoni jenħtieġ li taġġusta l-importazzjonijiet miċ-Ċina fid-dawl tal-kostijiet tat-trasport.

(62) Fir-rigward tal-ewwel dikjarazzjoni, il-Kummissjoni nnutat li l-affermazzjoni ta' Airoldi kienet żbaljata peress li kienet ibbażata fuq il-livell tan-NM ħafna aktar usa' (8 ċifri), filwaqt li l-analiżi tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq statistika fil-livell tat-TARIC (10 ċifri), li kienet tinkludi biss il-prodott ikkonċernat.

(63) Fir-rigward tal-perjodi pparagunati, il-Kummissjoni fakkret li kemm is-sena ta' wara l-PI (l-1 ta' Lulju 2020 – it-30 ta' Ġunju 2021) kif ukoll il-PtA, inzertaw, parzjalment, fis-sena 2021. Għalhekk, kwalunkwe paragun tal-evoluzzjoni bejn l-ewwel nofs tal-2021 u l-PtA ma jippermettix li tiġi stabbilita medja għas-sena 2021 kollha, peress li ż-żewġ semestri tal-2021 jappartjenu għal perjodi ta' referenza differenti. Konsegwentement, kwalunkwe paragun bejn il-PtA u s-sena 2021 tax-xejriet tal-importazzjonijiet ikun insinifikanti u mhux affidabbli. Fir-rigward tal-esklużjoni tax-xhur ta' Jannar u Frar 2022, Airoldi ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni dwar l-impatt tal-kriżi tal-Ukrajna, apparti li rreferiet għall-argument li din kienet straordinarja.

(64) Fir-rigward tal-prezzijiet, kuntrarjament għal dak li sostniet Airoldi, kif spjegat fil-premessa 60, id-diskrepanza bejn il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u l-prezzijiet tal-Unjoni kibret matul il-PtA. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-aġġustamenti b'rabta mat-trasport, il-Kummissjoni fakkret li l-istatistika tal-importazzjonijiet tingħabar fil-livell tas-CIF, u b'hekk, fil-prezz, taqbad parti sostanzjali tal-kostijiet b'rabta mat-trasport. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(65) Wara d-divulgazzjoni, EURANIMI sostniet li ż-żieda f'daqqa riċenti fl-importazzjonijiet miċ-Ċina kienet marbuta mal-antiċipazzjoni li s-sospensjoni tintemm u li dawn l-importazzjonijiet saru taħt kundizzjonijiet ta' prezz simili għal dawk tal-produtturi Ewropej. Il-Kummissjoni nnutat li diversi fatturi kienu qegħdin jinfluwenzaw il-livell tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u li s-sospensjoni tal-miżuri possibbilment kienet wieħed minn dawn il-fatturi. Fir-rigward tal-livell tal-prezzijiet, il-Kummissjoni nnutat li, meta ġew ipparagunati l-medja tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u l-medja tal-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina, dawn tal-aħħar kienu aktar baxxi matul il-PtA kollu.

(66) Wara d-divulgazzjoni, Lodec sostniet li l-livell tas-sehem mis-suq milħuq mill-importazzjonijiet Ċiniżi flimkien mal-prezzijiet aktar baxxi ma jirrappreżentawx theddida għall-industrija tal-Unjoni peress li, allegatament, dan ikun ir-riżultat ta' suq ħieles fejn il-produtturi esportaturi Ċiniżi huma aktar kompetittivi. Bl-istess mod, SATMA sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tipprova l-eżistenza ta' dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet ta' fojls tal-aluminju użati għall-produzzjoni ta' kapaċitaturi tal-aluminju, peress li allegatament ma hemm l-ebda produzzjoni fl-Unjoni.

(67) Il-Kummissjoni osservat li saret analiżi tal-kawżalità fir-Regolament definittiv. Il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li l-prodott ikkonċernat kien kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni matul il-PI oriġinali. Ma kien hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li, li kieku l-kundizzjonijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tissospendi temporanjament il-ġbir tal-miżuri definittivi ma kinux għadhom fis-seħħ, dik ir-relazzjoni kawżali bejn il-prodotti importati u l-bejgħ tal-Unjoni ma kinitx tkun aktar preżenti, jew li inkella dawn is-sejbiet dwar il-kawżalità kienu jixxejnu fil-frattemp. Barra minn hekk, Lodec kien imissha ressqet dawk l-affermazzjonijiet fl-istadju tal-investigazzjoni oriġinali li timponi l-miżuri definittivi. Fl-aħħar nett, din l-analiżi tal-kawżalità kienet twettqet għall-prodott kollu kemm hu, u ma kien hemm l-ebda obbligu li l-analiżi titwettaq abbażi ta' tip ta' prodott speċifiku. Għalhekk, l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(68) Lodec u EURANIMI sostnew li, għal ċerti tipi ta' prodotti, il-waqfien tal-importazzjonijiet mir-Russja joħloq skarsezzi addizzjonali fis-suq tal-Unjoni, li jenħtieġ li jiġu indirizzati mill-Kummissjoni b'xi miżuri ta' mitigazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Russja kienu jirrappreżentaw parti negliġibbli mill-konsum tal-Unjoni, b'sehem mis-suq ta' inqas minn 0,5 % matul il-perjodu ta' wara l-PI u l-PtA. B'hekk, il-varjazzjonijiet fil-volum tal-importazzjonijiet mir-Russja ma tqisux li għandhom impatt sostanzjali. L-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

3.2. **Żviluppi riċenti tas-suq**

(69) Il-futur huwa inċert, b'fatturi differenti li qegħdin iħallu impatt fuq is-suq. Il-kumulazzjoni ta' riżerva mhijiex dejjiema peress li kienet rispons temporanju għall-inċertezzi marbuta mal-invażjoni fl-Ukrajna. Barra minn hekk, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-enerġija, li ntlaqtu bil-qawwi mill-irkupru ta' wara l-COVID-19 u, minn Frar 2022, mill-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja fil-konfront tal-Ukrajna, huma wkoll varjabbli ewlenin li għandhom jitqiesu.

(70) F'dak li għandu x'jaqsam mad-domanda fis-settur tal-kostruzzjoni, għalkemm għadha qawwija, hemm indikazzjonijiet li minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u ż-żidiet possibbli fir-rati tal-imgħax, il-proġetti ġodda jistgħu jiġu ostakolati u d-domanda tista' għalhekk tbatti ([19]).

(71) Fir-rigward tal-produzzjoni fl-industrija awtomobilistika, possibbilment din terġa' tilħaq livelli normali fil-futur qrib. Madankollu, fit-terminu qasir, id-domanda tal-industrija awtomobilistika ġiet affettwata b'mod negattiv minn skarsezza tal-faxex ta' wajers mill-Ukrajna u minn skarsezza globali taċ-ċipep ([20]), li hija mistennija tippersisti almenu għal parti mill-2022 ([21]).

(72) Skont il-previżjonijiet tal-EA, is-suq kumplessiv se jonqos fix-xhur li ġejjin. L-EA prevediet tnaqqis fil-bejgħ ta' 3,8 % għall-ewwel semestru tal-2022, meta mqabbel mal-PtA u tnaqqis fil-produzzjoni ta' 5,7 %. Dan kien ibbażat fuq taħlita ta' tnaqqis fil-konsum mill-industrija awtomobilistika u żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet miċ-Ċina. Il-Kummissjoni nnutat li l-Eurofer stmat li s-settur awtomobilistiku se jikber fl-2022 iżda se jistaġna fl-2023 ([22]). Madankollu, il-previżjoni tal-Eurofer għall-2022 hija kkundizzjonata minn għadd ta' varjabbli mhux magħrufa: l-iskala fil-futur tar-riskji attwali ta' evoluzzjoni negattiva li jirriżultaw minn skarsezzi kontinwi ta' semikondutturi; it-tnaqqis potenzjali fid-domanda fid-dawl ta' inċertezzi ekonomiċi li jiżdiedu f'każ ta' gwerra fit-tul fl-Ukrajna; l-istaġnar tal-introjtu nett tal-konsumaturi (fl-UE) u inflazzjoni għolja tal-enerġija u tal-materja prima; u t-tkabbir fid-domanda fis-swieq ewlenin tal-esportazzjoni tal-UE (ir-Renju Unit, l-Istati Uniti, iċ-Ċina u t-Turkija), li bħalissa tinsab imrażżna. Konsegwentement, id-domanda għas-settur awtomobilistiku għadha inċerta.

(73) Il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja fil-konfront tal-Ukrajna u s-sanzjonijiet fuq ir-Russja kellhomx impatt fuq il-katina tal-provvista tal-industrija tal-Unjoni. Bħalissa, l-ebda waħda mis-sanzjonijiet u mill-miżuri oħra ma tipprevjeni l-esportazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju mir-Russja lejn l-UE. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni għandha wkoll sorsi oħra ta' provvista

([19]) Ir-Rapport tas-CRU ta' Marzu 2022.

([20]) Skont l-ACEA, ir-reġistrazzjoni ta' karozzi ġodda naqset bi 12,3 % fl-ewwel trimestru tal-2022 https://www.acea.auto/pc-registrations/passenger-car-registrations-12-3-first-quarter-of-2022-20-5-in-march/.

([21]) https://www.autocar.co.uk/car-news/business-tech%2C-development-and-manufacturing/latest-updates-semiconductor-chip-crisis; https://www.bbc.com/news/business-60313571.

([22]) https://www.eurofer.eu/assets/publications/economic-market-outlook/economic-and-steel-market-outlook-2022-2023-first-quarter-2/EUROFER_ECONOMIC_REPORT_Q2_2022-23_final.pdf

apparti r-Russja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza tanġibbli li s-sanzjonijiet fuq ir-Russja kellhom impatt fuq il-katina tal-provvista tal-industrija tal-Unjoni sal-punt li tkun rilevanti għall-analiżi tal-impatt tat-tneħħija tas-sospensjoni. Madankollu, is-sanzjonijiet li jeskludu xi banek milli jużaw is-sistema ta' pagament SWIFT jistgħu jkunu ta' sfida, kif ukoll il-fatt li xi kumpaniji tal-merkanzija waqqfu kull trasport ta' kontejners lejn u mir-Russja. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet għal ċerti individwi Russi b'interessi f'dan is-settur jista' jkollha impatt. Għalhekk, din is-sitwazzjoni żżid mal-inċertezza ta' kif is-sitwazzjoni tas-suq tista' tiżviluppa fit-terminu qasir sa medju.

3.3. **Konklużjoni dwar jekk huwiex improbabbli li d-dannu jerġa' jokkorri**

(74) Wara t-titjib tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-ewwel semestru tal-2021 meta mqabbel mal-PI, is-sitwazzjoni ekonomika tagħha baqgħet pjuttost stabbli matul il-PtA, għalkemm xi indikaturi tad-dannu ggravaw. Għalhekk, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli, il-volumi tal-bejgħ naqsu b'mod sinifikanti bi 12,8 %, filwaqt li l-produzzjoni u l-kapaċità naqsu bi ftit, bi 2 % u 1,3 % rispettivament. Il-profittabbiltà tjiebet u laħqet 2,8 % fil-PtA, li madankollu għadha inferjuri għas-sena ta' referenza 2017 u hija ferm anqas mill-profitt minimu ta' 6 % użat għall-fini tal-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz.

(75) B'mod partikolari, il-prospetti għall-industrija tal-Unjoni wara l-PtA mhumiex daqstant pożittivi. Id-dħul tal-ordnijiet tal-prodott ikkonċernat naqas bi 12 % fil-PtA meta mqabbel mal-ewwel semestru tal-2021 u bi 2 % meta mqabbel mal-PI (il-punt li fih l-industrija tal-Unjoni nstabet li kienet f'sitwazzjoni dannuża). Għaldaqstant, kuntrarjament għas-sejbiet kif stabbiliti fil-premessa 49 tad-Deċiżjoni ta' sospensjoni, l-industrija tal-Unjoni ma għadhiex mimlija għalkollox għax-xhur li ġejjin u l-livell ta' attività tagħha fil-futur mhuwiex aċċertat. Il-konsum laħaq il-qofol tiegħu fl-ewwel semestru tal-2021, u mbagħad naqas bi 13,5 % matul il-PtA. Dan ġie kkonfermat mit-tnaqqis fid-dħul tal-ordnijiet kif ukoll mit-tnaqqis sinifikanti taż-żmien meħtieġ. Matul ix-xhur li ġejjin, id-domanda mhijiex mistennija tirranka minħabba l-inċertezzi tad-domanda fis-settur tal-manifattura tal-karozzi u fis-settur tal-kostruzzjoni, flimkien maż-żieda ulterjuri mistennija fil-kostijiet tal-inputs ewlenin. Fl-aħħar nett, fil-kuntest ta' bilanċ li qiegħed jitjieb bejn il-provvista u d-domanda, l-industrija tal-Unjoni jkollha inqas setgħa ta' negozjar fl-iffissar tal-prezzijiet, u l-prestazzjoni ekonomika tagħha tkun b'hekk affettwata b'mod negattiv.

(76) Fl-istess waqt, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod kostanti u sinifikanti matul il-PtA, u saħansitra aktar fix-xahrejn wara l-PtA, bi prezzijiet li huma aktar baxxi mill-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni. B'mod partikolari, id-diskrepanza fil-prezzijiet bejn il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedet gradwalment matul il-PtA. Dan seħħ minkejja ż-żieda fil-kostijiet tat-trasport internazzjonali u l-konġestjonijiet fil-konsenji indikati mill-utenti, u d-diffikultajiet relatati mal-COVID li affettwaw lill-manifatturi Ċiniżi b'mod ġenerali. Din ix-xejra riċenti u sinifikanti ta' żieda rapida fl-importazzjonijiet Ċiniżi x'aktarx li tkompli fil-futur u twassal għall-istess sitwazzjoni osservata matul il-PI oriġinali, fl-eventwalità li l-miżuri jibqgħu sospiżi. Flimkien maż-żieda ulterjuri mistennija fil-kostijiet u fl-inċertezzi fid-domanda, iż-żieda ulterjuri tal-importazzjonijiet miċ-Ċina bi prezzijiet aktar baxxi evidentement ikollha impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(77) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx għadu l-każ li jkun improbabbli li d-dannu lill-industrija tal-Unjoni jerġa' jokkorri f'każ ta' estensjoni tas-sospensjoni attwali tad-dazji anti-dumping.

4. **KONKLUŻJONI**

(78) Wara eżami tal-iżviluppi tas-suq matul il-PtA, l-iżviluppi probabbli fil-futur qrib, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, u l-fehmiet tal-importaturi u l-utenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-estensjoni tas-sospensjoni tal-miżuri ma għadhomx aktar issodisfati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li s-sospensjoni tal-ġbir tad-dazji anti-dumping hija miżura eċċezzjonali fid-dawl tar-regola ġenerali prevista fir-Regolament Bażiku.

(79) Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mill-elementi neċessarji, u meta jitqiesu l-fehmiet tal-partijiet kollha, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma testendix is-sospensjoni tad-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-AFRPs li joriġinaw miċ-Ċina. Konsegwentement, jenħtieġ li d-dazji jiddaħħlu mill-ġdid meta tintemm l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' sospensjoni (mit-12 ta' Lulju 2022).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sospensjoni tad-dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina imposta mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1788 mhijiex estiża ulterjorment.

Artikolu 2

Id-dazju anti-dumping definittiv impost mill-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1784 fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju, illaminati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, huwa b'dan imdaħħal mill-ġdid mit-12 ta' Lulju 2022.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN